**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 366/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ahmed Rasem A. Franko magħruf ukoll bħala Franka**

**Illum 16 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Ahmed Rasem A. Franko magħruf ukoll bħala Franka, iben Rasem u Jamilla neé Gnedy, imwieled il-Libja nhar is-26 ta' Settembru 1986 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 115587(A), talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-3 ta' Awwissu 2020 u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Ikkaġuna lil Maria Andrea Gafà biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu  - a tenur ta' l-Artikoli 251B, 251H(a),(b),(d) u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Aktar talli nhar it-3 ta' Awwissu 2020, għall-ħabta ta' nofs inhar (12:00p.m.) ġewwa Seashell Crt., Triq l-Ixprunara, Triq Ġdida fi k/m Triq Barthelemy, Marsaxlokk, u/jew fil-viċinanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor a dannu ta' Maria Andrea Gafà u/jew persuni oħra u/jew entitatjiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hi aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) - a tenur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u bi storbju - a tenur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
5. Aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 14 ta' Mejju 2018 mill-Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet għall-ħelsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest ta' Ahmed Rasem A. Franko magħruf bħala Franka, kif ukoll tordna li s-somma ta' garanzija u/jew depożitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għall-garanzija ta' Maria Andrea Gafà skond l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà u protezzjoni ta' Maria Andrea Gafà kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà u għaż-żamma ta' l-ordni pubblika jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 26 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' WPS219 Erica Galea Abela[2], Maria Andrea Gafà[3], Gordon Camilleri[4], Donalie Camilleri[5] u ta' l-Ispettur (illum Supretendent) Trevor Micallef[6] mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, rat id-dokumenti markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 41 u 42 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "TM" a fol. 51 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud[7] u ta' PC224 Jake Mercieca[8] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2020 u x-xhieda ta' Helenio Galea[9], Anthony Gafà[10], Antoine Schiavone[11] u Disma Schiavone[12] mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020, rat id-dokument markat Dok. "GVX" a fol. 74 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Eunice Grech Fiorini mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020[13] u rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "The Police v. Ahmed Rasem. A Franka" mogħtija mill-Qorti ta'

[1] Fol. 32 tal-proċess.
[2] Fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[3] Fol. 36 sa' 40 tal-proċess.
[4] Fol. 43 sa' 45 tal-proċess.
[5] Fol. 46 sa' 48 tal-proċess.
[6] Fol. 49 u 50 tal-proċess.
[7] Fol. 53 u 54 tal-proċess.
[8] Fol. 55 sa' 58 tal-proċess.
[9] Fol. 66 u 67 tal-proċess.
[10] Fol. 68 u 69 tal-proċess.
[11] Fol. 70 u 71 tal-proċess.
[12] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[13] Fol. 76 tal-proċess.

l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2017, markat Dok. "EG" a fol. 77 sa' 103 tal-proċess;

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-imputat fit-18 ta' Settembru 2020 permezz ta' liema talab referenza kostituzzjonali ai termini ta' l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni minħabba allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 14 abbinat ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Rat li t-talba ta' l-imputat ġiet miċħuda b'Digriet datat 2 ta' Ottubru 2020[14];

Rat li waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020[15], l-imputat iddikjara li ma għandux provi x'jressaq;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-3 ta' Awwissu 2020 u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: (1) ikkaġuna lil Maria Andrea Gafà biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu  - a tenur ta' l-Artikoli 251B, 251H(a),(b),(d) u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) aktar talli nhar it-3 ta' Awwissu 2020, għall-ħabta ta' nofs inhar (12:00p.m.) ġewwa Seashell Crt., Triq l-Ixprunara, Triq Ġdida fi k/m Triq Barthelemy, Marsaxlokk, u/jew fil-viċinanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor a dannu ta' Maria Andrea Gafà u/jew persuni oħra u/jew entitatjiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hi aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) - a tenur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u bi storbju - a tenur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula; (5) aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 14 ta' Mejju 2018 mill-Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D., li permezz tiegħu huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni titlob li: (1) sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet għall-ħelsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest ta' Ahmed Rasem A. Franko magħruf bħala Franka, kif ukoll tordna li s-somma ta' garanzija u/jew depożitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta; (2) sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għall-garanzija ta' Maria Andrea Gafà skond l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (3) sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà u

---

[14] Fol. 120 sa' 126 tal-proċess.
[15] Fol. 127 tal-proċess.

protezzjoni ta' Maria Andrea Gafà kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà u għaż-żamma ta' l-ordni pubblika jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċeduri sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti xhieda: WPS219 Erica Galea Abela, Maria Andrea Gafà, Gordon Camilleri, Donalie Camilleri, l-Ispettur (illum Supretendent) Trevor Micallef, l-Ispettur Keith Arnaud, PC224 Jake Mercieca, Helenio Galea, Anthony Gafà, Antoine Schiavone, Dismar Schiavone u r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Eunice Grech Fiorini. L-imputat iddikjara li huwa ma għandux provi x'jressaq.

**WPS219 Erica Galea Abela**[16] xehdet dwar ir-rapport li sar ma' l-Għassa taż-Żejtun minn Gordon Camilleri u martu Donalie Camilleri dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2020. Hija ddikjarat *nhar it-3 ta' Awwissu għall-ħabta tan-nofs siegħa, kont qiegħda xogħol l-Għassa taż-Żejtun, daħlet telefonata mingħand ċertu Gordon Camilleri fejn fuq it-telefonata beda jgħidilna li x'aktarx daħlet xi persuna biex tisraqhom. Aħna morna mill-ewwel fuq il-post ġewwa Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk, fejn malli wasalna fuq il-post sibna jistenniena lil min kien qed jistenniena, il-kwerelant li huwa ċertu Gordon Camilleri, li beda jispjegali li ħa żball u ma kinitx serqa imma li kien Ahmed Rasem A. Franka li beda jkisser il-bieb tal-komun u beda jaqla' ħafna nkwiet u ġlied mat-tfajla tiegħu Andrea u biex daħal fil-blokka tal-flats qala' pandimonju sħiħ u ħolqilhom biża kbira li sfrattat it-tifel tagħhom ta' 5 snin beda jitriegħed u jibki ħafna għaliex għall-ewwel ħasbu li kien attentat ta' serq imma imbagħad indunaw li kien Ahmed Rasem Franka biex ikollu l-argument mat-tfajla tiegħu. Jiena sadanittant avviċinajt lil Andrea u bdejt inkellimha u nistqasiha l-affarijiet.*
Fir-rigward ta' min hi din Andrea, WPS219 Erica Galea Abela wieġbet *Maria Andrea Gafà li twieldet nhar l-10 ta' Frar tas-sena 1987 u l-ID Card number tagħha huwa 96887(M).* Ix-xhud kompliet tispjega li *jiena bdejt nistaqsiha x'ġara u x'relazzjoni hemm bejnha u Ahmed Franka fejn hi qaltli li huwa l-għarus tagħha u xtaqet li ttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom iżda Ahmed Rasem Franka qed isib oġġezzjoni li jħassru din ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jiena għal diversi drabi lil Andrea bdejt nistaqsiha x'għamlilha dakinhar jekk beżżagħhiex jew sawwathiex imma hi bdiet tinnega, li m'għamlilha xejn u bdiet tirrikorrili għal stejjer tal-passat. … Kien beda l-ħin kollu jdejjaqha bil-mobile, iċemplilha, jistaqsiha fejn kienet u hi qalet li kienet qiegħda ma' sieħbu stess il-baħar u malli qaltlu li kienet qiegħda ma' sieħbu stess il-baħar, dan Ahmed Rasem Franka rrabja ħafna u mar faqa' l-bieb tal-komun u l-bieb tal-flat tagħha b'konsegwenza li l-ġirien twerwru.*

WPS219 Erica Galea Abela kkonfermat li hija kienet rat kemm il-bieb tal-komun kif ukoll il-bieb ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà u ddikjarat li *dakinhar meta kont xogħol jiena kellimtha* (lil Maria Andrea Gafà) *bejn 4 u 5 darbiet u meta kont nistaqsiha jekk kienx hemm theddid, biex tispjegali eżatt x'qalilha u għalfejn*

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, fol. 33 sa' 35 tal-proċess.

*beżgħet, hi bdiet tgħidli li ma kienx beżżagħha dakinhar imma fil-passat ġieli beżżagħha.* Mistoqsija kif ġie arrestat l-imputat, WPS219 Erica Galea Abela wieġbet *jiena ċempiltlu biex inkellmu fuq it-telefon, għedtlu li rridu nkellmuh fuq il-każ li kien ġara, tlabtu biex jiġi l-Għassa ta' Birżebbuġia, ġie ma' Andrea stess l-Għassa ta' Birżebbuġia mat-tfajla tiegħu, jiena nfurmajtu bid-drittijiet tiegħu, għall-ewwel qalli li ma jridx avukat imbagħad ried avukat u tajnihulu wkoll.* Ix-xhud ikkonfermat ir-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ, esebit a fol. 3 sa' 7 tal-proċess.

**Maria Andrea Gafà**[17] xehdet illi *jiena ma nixtieqx li nipproċedi però ma rridx li javviċinani dan il-persuna.* Għad illi l-Qorti fehmitha li ma tistax f'nifs wieħed tgħid li ma tridx tipproċedi u fl-istess ħin trid li l-imputat jiġi ordnat ma javviċinahiex, Maria Andrea Gafà reġgħet iddikjarat li *ma nixtieqx nipproċedi.* Il-Minkejja dak dikjarat mill-imsemmija Maria Andrea Gafà, il-Qorti għażlet li tipproċedi bil-proċeduri odjerni fil-konfront ta' l-imputat stante li hemm imputazzjonijiet - senjatament it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontrih - illi jirreferu għal terzi allegati vittimi u mhux għall-imputata biss. Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti awtorizzat lill-Prosekuzzjoni tagħmel domandi in meritu lil Maria Andrea Gafà. Fir-rigward u in risposta għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni *ħa nurik 2 stimi D&S Woodworks li jammontaw għal €279.05 u ieħor 'repair main door' li tiswa €118. Inti tikkonfermahom dawn li ġibthom l-Għassa ż-Żejtun u ħallejthom lili?* Maria Andrea Gafà wieġbet *iva nikkonferma.* Iddikjarat li l-ewwel dokument ta' D&S Woodworks jirreferi għall-bieb ta' barra ta' l-appartament tagħha, filwaqt li d-dokument l-ieħorgħall-valur ta' €118 jirreferi għall-bieb ta' barra tal-blokka ta' l-appartamenti. Ikkonfermat ukoll illi x-xogħol fuq il-bieb ta' barra tal-blokka laħaq sar sa' dakinhar u li tħallas minnha filwaqt illi x-xogħol fuq il-bieb ta' barra ta' l-appartament tagħha kien għadu, sa' dak iż-żmien, għad irid isir.

**Gordon Camilleri**[18] xehed illi *jiena noqgħad Seashell Court, Triq ġdid fi Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk, qiegħed fuq l-ID Card tiegħi. Imma peress li triq ġdid ġieli jużaw Triq Bartolomew għaliex għadna mingħajr isem. Jew Triq Bartolomew jew Triq l-Ixprunara. Dejjem triq ġdida fit-triq.* Iddikjara li fl-imsemmi fond jgħixu hu u l-mara tiegħu, flimkien maż-żewġt itfal tagħhom, wieħed ta' tmintax-il sena u l-ieħor ta' sitt snin. Fir-rigward tal-każ in eżami huwa ddikjara li *kien it-Tnejn l-għadda tal-festa tal-Madonna ta' Pompeii ta' Marsaxlokk. Jekk mhux sejjer żball 3 ta' Awwissu, l-ewwel tnejn tax-xahar kien. ... Jiena kont qiegħed għax-xogħol, il-mara ċemplitli qisu bejn nofsinhar u l-kwarta u kienet terroizzata. Dakinhar ma stajtx nitlaq ċum bum mix-xogħol għaliex kelli s-section f'idi u kont responsabbli mis-section jiena. Jiena naħdem naqra red zone u ma nkunx nista' naqbad u nitlaq kif ġieb u laħaq minħabba n-natura tax-xogħol tagħna. Ċemplitli l-mara u qaltli naħseb daħal xi ħadd fil-komun u qaltli naħseb li huwa l-boyfriend ta' dik li toqgħod fuqna. Qaltli hawn balla storbju u qed ikisser u jfarrak u qaltli li kien ġie bil-karozza tagħha. Jiena għidt lill-manager tiegħi li kelli bżonn nitlaq mix-xogħol u mmur sad-dar malajr. Hu approvali l-urgent leave, on the way qabbadt il-mobile mal-bluetooth tal-karozza u ċempilt lill-Pulizija waqt li kont qiegħed fi trieqti lejn Marsaxlokk... Wasalt id-dar u waslu l-Pulizija wkoll. Is-sinjur kien laħaq telaq u ma sibtux hemmhekk jiena.* Mistoqsi *meta tgħid is-sinjur għal min qed tgħid?* Gordon Camilleri wieġeb *għal Ahmed ... hu kien il-boyfriend ta' dik li toqgħod fuqi* u għarfu

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, fol. 36 sa' 40 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, fol. 43 sa' 45 tal-proċess.

bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Mistoqsi *x'ħin wasalt hemmhekk x'rajt inti?* Gordon Camilleri wieġeb *jiena sibt il-bieb ta' barra mkisser għaliex aħna noqgħodu fi blokka ta' appartamenti, kien hemm xi demm ma' l-art fil-ground floor tal-komun u jien u tiela' t-taraġ sibt taqtir tad-demm ukoll. As such fil-livell tiegħi, jien noqgħod fl-ewwel sular, ma kienx hemm danni ħlief taqtir tad-demm u hekk, imma imbagħad x'ħin ġiet Andrea u tlajna flimkien, għaliex speċi rajtha terrorizzata wkoll, Sibna l-bieb tagħha mkisser*. Mistoqsi min hi Andrea, Gordon Camilleri wieġeb *Andrea Gafà li toqgħod fis-sular ta' fuqi. Tiġi t-tifla ta' Vincent Gafà u Rita Gafà li joqogħdu fil-penthouse huma*. Għall-mistoqsija *u dak il-ħin kif rajtha lil Andrea Gafà?* Gordon Camilleri wieġeb *ifhimni jiena għidtilha li ma jistax ikun nibqa' sejjer b'dawn il-kummiedji għaliex jiena familja għandi hemm ġew u kelli l-mara u t-tfal terrorrizzati kienu. … Iż-żgħir kellu xokk enormi fuqu u tista' tgħidilkom is-Surġent li ġiet id-dar. Sat-tifel iż-żgħir qalilha, li għandu 6 snin, qalilha, "Police, please ħudu miegħek". Jiena m'għandi xejn kontra is-sinjur imma jiena din it-tip ta' attitudini ddejjaqni għaliex jiena familja għandi fl-aħħar mill-aħħar. Imma lili personali qatt ma għamilli affarijiet ħżiena*. Għall-mistoqsija *għall-ħsarat tal-bieb ta' barra, x'sar minnu dan il-bieb ta' barra?* Gordon Camilleri wieġeb *is-surġent li ġiet fuq il-każ tagħna obbligat lil Andrea li l-bieb irid jissewwa mill-iktar fis possibbli biex aħna nkunu secure għall-inqas. Andrea għamlet l-almu tagħha u sewwietu l-bieb ta' barra a spejjeż tagħha. … Ħallset kollox hi u għandha l-irċevuti hi għaliex jiena ta' l-aluminium ġie jħabbattli u ġie jtini l-kont u jiena għedtlu biex lili jaqbiżni u biex iħabbat lil ta' fuqi. Għidtlu jiena m'għandix tort f'dawn l-affarijiet. Jiena mbagħad filgħaxija kont mort għand it-tabib bil-mara u bit-tifel minħabba l-ansjetà li kellhom fuqhom. Lill-mara ordnatilha xi tablets bħala tranquillisers biex tikallma u forsi terġa' ssib triqitha b'moħħha f'postu ħa ngħid hekk għaliex kellha bħal tip ta' depression għaliex aħna diġà laqqatna oħra din is-sena. It-tifel għadu terrorrizzat u minn kamra għall-oħra ma jridx imurli jekk ma nkunux miegħu u biex jidħol jagħmel toilet irrid noqgħod nistennieh bil-bieb miftuħ.*

**Donalie Camilleri**[19] xehdet illi hija toqgħod f'Seashell Court, Flat 1, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk. Mistoqsija dwar l-inċident li kien ġara xi jiem qabel hija wieġbet *id-data nsejtha, imma niftakar li kien it-Tnejn. … Naħseb mhux nhar it-Tnejn li għadda imma ta' qabel* (li fil-fatt jiġi t-3 ta' Awwissu 2020). *Kien għall-ħabta ta' xi nofsinhar, kont qed naqla' l-ħwejjeġ barra u rajt lil dan li jiġi l-għarus ta' Andrea* - u hawn hija indikat lill-imputat. *Kont qed naqla' l-ħwejjeġ u rajtu u smajt ħoss kbir. Jiġifieri dan minn barra kien, li l-bieb tal-maisonette ta' taħti beda jdamdam u ttawwalt u ma rajt xejn. Imbagħad dħalt ġewwa u l-ħoss kien iktar qawwi u għdit dan il-ħoss minn ġol-flat ġej. Sakkart niġri l-bieb għaliex bżajt, kelli tifel ta' 6 snin imwerwer u ċempilt niġri lir-raġel. Imbagħad ġie r-raġel u rajtu hiereġ* - u dawn hija mill-ġdid kienet qed tirreferi għall-imputat. *Jiena ftaħt il-bieb kif rajtu li ħareġ, mort niċċekkja l-bieb ta' isfel u tlajt fuq u rajt il-bieb tagħha*, u cioè ta' Maria Andrea Gafà, *miftuħ*. Dwar x'tip ta' ħsejjes semgħet u lil min rat, Donalie Camilleri xehdet illi *ħsejjes kbar fil-komun smajt jien. … Bħal xi ħaġa qed tirbombja. … Jiena waħdu rajtu ħiereġ*. Dwar il-ħsarat hija xehdet illi *l-bieb tagħna ma kellux ħsara le. … Il-ħsara rajtha fil-bieb ta' Andrea għaliex rajtu miftuħ u l-bieb t'isfel imbagħad, il-Pulizija għedtilha tbiddel is-serratura*. Dwar il-bieb t'isfel hija ddikjarat *ma jidhirlix li kellu ħsara*.

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, fol. 46 sa' 48 tal-proċess.

**L-Ispettur Trevor Micallef**[20] xehed illi *fit-3 ta' Awwissu ta' din is-sena kont ġejt infurmat mis-surġent 219 Erica Galea għall-ħabta ta' qisu xi 12:30p.m. li kien inqala' inċident fi Triq Xprunara, Marsaxlokk, fejn kienet qaltli li kienu għamlu rapport Donalie Camilleri u Gordon Camilleri dwar xi allegat persuna li kien daħal fil-blokka ta' l-appartamenti, għamel ħsara fil-bieb ta' barra tal-flats u kien inqala' wkoll xi argument għaliex kien hemm xi tkissir f'xi flat ta' fuqhom. Fil-fatt is-surġent li kienet marret fuq il-post u kienet infurmatni li kien hemm ċertu Maria Andrea Gafà li allegat li l-ex-boyfriend tagħha kien għamilha ħsara wkoll apparti fil-bieb ta' isfel tal-blokka, fil-bieb tagħha wkoll u dan minħabba l-fatt li l-ex-boyfriend tagħha beda jissusspetta ħażin fiha li kienet qed taqlibielu. Is-surġent kienet ċemplet lil dan il-persuna li kien mar l-għassa fejn dan kien ingħata s-solitu twissija, id-drittijiet kollha u kont ħadtlu stqarrija. Il-persuna huwa preżenti hawnhekk fl-awla Ahmed Rasem A. Franko, għaliex fuq id-dettalji tagħna qiegħed Franko, magħruf ukoll bħala Franka għaliex imbagħad sirt naf illi tressaq bħala Franka, kien irrilaxxa stqarrija u kien hawn l-interpretu wkoll preżenti. Nikkonferma l-istqarrija li ttieħdet fit-15:00p.m. lill-peruna Rasem A Franko bl-ID Card number 115587(A), li qiegħda a fol. 11 et seq. tal-proċess, liema stqarrija huwa għażel li ma jiffirmax. A fol. 10 imbagħad hawn id-dikjarazzjoni tas-soltu li kien ingħata d-drittijiet għall-avukat fejn fil-fatt kien kellem lil Dr. Marion Camilleri. Qed nagħraf il-firma ta' l-imputat, tat-219, 224 il-Kuntistabbli u 422 Noorja Sant. A fol. 11 nagħraf il-firma tiegħi, dik ta' PC224 u ta' Nazmi Houto li huwa l-interpretu preżenti wkoll fl-awla llum. Nixtieq ngħid ukoll li Andrea Gafà kienet preżentat 2 stimi li ġew preżentati llum lill-Pulizija tal-ħsarat li kien ġarrab il-bieb ta' barra tal-flats li hija ta' €118 u tal-bieb tagħha li jiswa' xi €220 u xi ħaġa fuqhom, li ppreżentajthom illum*[21]*. Nixtieq ukoll nippreżenta l-bail conditions ta' Ahmed Rasem A. Franka*[22] *fejn suppost dan jiffirma kuljum l-għassa ta' Tas-Sliema fejn kif tista' tara l-Qorti meta jogħoġbu jmur u meta ma jogħġbux ma jmurx. Fil-fatt kien ġie mitkellem ukoll mill-Ispettur Keith Arnaud biex ma jkomplix jieqaf milli jmur jiffirma u kien kellmu wkoll dwar Andrea Gafà għax kien sar rapport l-Għassa ta' Tas-Sliema.*

**L-Ispettur Keith Arnaud**[23] xehed illi *l-Ispettur qiegħed ukoll uffiċjal Prosekutur fil-kawża "Il-Pulizija v. Ahmed Rasem A. Franka u Mohamed Drebeka" li qed tinstema' quddiem il-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace. Lill-imputat Franka qed nagħrfu preżenti hawnhekk fl-awla. L-imputat Franka kien ingħata l-bail fl-14 ta' Mejju tas-sena 2018 u qed nikkonferma li huma dawn immarkati fol. 18 u li imbagħad kienu ġew modifikati fis-7 ta' Jannar tas-sena 2019 mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera li qed nagħraf u nikkonferma wkoll id-digriet a fol. 19, 20, 21 u 22. Nikkonferma illi l-imsemmi Ahmed Rasem A. Franka f'dawn iż-żewġ dokumenti, jiġifieri minn fol. 18 sa' fol. 22, huwa l-imputat f'dawn il-proċeduri, nikkonferma illi l-bail conditions għadhom in vigore hekk kif huma imsemmija f'dawn iż-żewġ dokumenti li semmejt u għadhom hekk sa' llum. … Il-proċeduri għadhom pendenti. … kienu infurmawni jiena, mhux darba, illi din is-sena Franka ma kienx qed jiffirma l-għassa ta' Tas-Sliema peress li waħda mill-bail conditions*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, fol. 49 u 50 tal-proċess.
[21] Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 41 u 42 tal-proċess.
[22] Dok. "TM" a fol. 51 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2020.

*kienet li jiffirma kuljum fl-għassa ta' Tas-Sliema u fil-bidu ta' Awwissu ta' din is-sena kienu infurmawni b'inċident li allegatament Franka kien involut fih. Dan kien kwistjoni fuq xi tfajla fejn allegatament l-imputat kien għamel xi ħsara f'xi proprjetà għaliex ħaseb illi t-tfajla tiegħu jew l-ex-tfajla tiegħu, għaliex ma dhaltx wisq fiha, ħaseb li qed tirrisjedi f'dan il-fond u kien għamel xi ħsara fiha. Jiena min-naħa tiegħi kif rajt din il-problema kont ħallejtlu nota l-għassa biex kif imur jiffirma jċempluli. Kien mar jiffirma l-għada jekk mhux sejjer żball u kont għidtlu biex jiġi ħalli nkellmu l-uffiċċju. Kont kellimtu, staqsejtu għalfejn ma kienx qed jiffirma u qalli għaliex kellu naqra problemi imma qalli li kien se jerġa jiffirma, għidlu biex jieħu ħsieb u jiffirma kuljum u għedtlu li jekk ma kienx se jiffirma kont se nressqu bil-breach of bail u fhemtu l-konsegwenzi li jekk jitressaq bil-breach of bail x'inhuma. Għidtlu wkoll biex joqgħod attent għax anke jekk jiffirma u jagħmel reat ieħor, xorta jista' jitressaq minħabba li kien għamel ħsarat fil-bieb eċċ, jekk m'inhix sejjer zball, f'dak il-każ kienu ħafrulu u kien anke aċċetta li jħallas għaliex lili qalli li kien se jħallashom il-ħsarat. Jiena għidtlu li mhijiex kwistjoni li tħallas u għidtlu li ma jistax jagħmel dawn il-kummiedji u għedtlu għaliex anke kieku sibtha hemmhekk x'kont se tagħmel? Kont se ssawwatha lil din il-mara? Għidtlu jekk tagħmel reat ieħor, anke jekk tiffirma, għidtlu se nressqek bi ksur ta' bail. Qalli all right u kien telaq 'l hemm.*

**PC224 Jake Mercieca**[24] xehed illi *nhar it-3 ta' Awwissu għall-ħabta ta' 12:30, is-Surġent 219 infurmatni li ġewwa Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk, kienet qed issir serqa. Għaldaqstant, jiena flimkien ma' PC 829 u WPS 219 morna fuq il-post fejn barra mill-blokka rajna persuna li stqarr li fil-flat ta' fuqu seħħ argument u mhux serqa. F'dan il-mument, fuq il-post waslet Maria Andrea Gafà fejn flimkien magħha, jiena u PC 829 tlajna fit-tieni sular biex naraw x'kien ġara fir-residenza tagħha. Kif tlajna magħha nnutajna li kien hemm xi tiċpis ta' demm mal-ħajt kif ukoll il-bieb tar-residenza ta' Gafà kien jidher imkisser. Gafà ppruvat tiftaħ il-bieb b'ċavetta iżda l-bieb ma nfetaħx. Jiena u PC 829 inżilna fis-sular ta' taħt fejn sibna lis-surġent qed tieħu l-verżjoni tal-ġirien. Is-surġent talbet lil Andrea jekk tafx min kien għamel il-ħsara u Gafà stqarret li kien l-għarus tagħha, ċertu Ahmed Rasem A. Franko. Is-surġent għamlet kuntatt ma' Ahmed u qaltlu biex jiġi l-għassa ta' Birżebbuġia. Wara ftit tal-ħin, Ahmed daħal l-Għassa ta' Birżebbuġia akkumpanjat minn Andrea. Andrea stqarret li kienet hi li wasslitu l-għassa. Ahmed ġie infurmat minn WPS 219 illi huwa se jiġi mitkellem mill-Ispettur iż-Żejtun. Ahmed ittella' l-għassa taż-Żejtun fejn ġie mitkellem fil-presenza tiegħi mill-Ispettur Trevor Micallef u Ahmed ittieħed il-lockup tal-Pulizija.* PC224 Jake Mercieca għaraf lill-imputat bħala Ahmed Rasem A. Franko. Ikkonferma wkoll li kien preżenti waqt l-istqarrija ta' l-imputat u kkonferma l-firem ta' l-Ispettur Trevor Micallef, tiegħu u ta' l-interpretu Nazmi Houto fuq din l-istqarrija, liema stqarrija ma ġietx iffirmata mill-imputat u kkonferma wkoll il-firma tiegħu fuq id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali u l-imputat ingħata d-drittijiet kollha tiegħu.

**Helenio Galea**[25], uffiċjal fir-Records Office tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, xehed illi l-imputat kien għamel żmien fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fuq perijodu ta' ħabs effettiv. Dan kien terminu ta' erba' snin li ġie impost oriġinarjament b'sentenza

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2020, fol. 55 sa' 58 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020, fol. 66 u 67 tal-proċess.

pronunċjata fis-7 ta' Frar 2017, u segwita b'sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2017.

**Anthony Gafà**[26], illi jiġi kuġin ta' missier Maria Andrea Gafà, xehed illi fil-5 ta' Awwissu 2020 l-imsemmija Maria Andrea Gafà kienet talbitu jmur fil-fond fejn toqgħod hi ġewwa Marsaxlokk sabiex jagħmel tiswijiet fil-bieb ta' barra tal-blokk ta' l-appartamenti fejn tirrisjedi. Huwa ddikjara li dan il-bieb huwa ta' l-aluminium u li kellu ħsara fis-serratura u fil-firrolli. Muri l-irċevuta a fol. 42 tal-proċess li hija għas-somma ta' €118, ikkonferma li dik l-irċevuta ħariġa hu u tirrappreżenta l-ħlas għax-xogħol li huwa għamel fuq il-bieb ta' barra tal-blokk ta' appartamenti fejn tirrisjedi Maria Andrea Gafà.

**Antoine Schiavone**[27] xehed illi huwa jaħdem bħala mastrudaxxa u li ġie mitlub jagħti stima tal-valur ta' xogħlijiet ta' tiswija fuq il-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Adreana Gafà ġewwa Marsaxlokk. Muri l-istima a fol. 41 tal-proċess huwa ikkonferma li din hija għall-valur ta' €650 u li sa' dakinhar illi kien qed jixhed mhux ix-xogħol kollu kien laħaq sar. **Disma Schiavone**[28] xehed illi hu wkoll jaħdem bħala mastrudaxxa u li flimkien ma' ħuħ Antoine Schiavone kienu marru fl-appartament ta' Adreana Gafà fejn sabu li l-bieb ta' barra ta' l-appartament *kien qisu sgassat min-naħa ta' fuq u minn isfel ma setax jinfetaħ sew*. Muri l-istima a fol. 41 tal-proċess ikkonferma li dik hija stima maħruġa minnu u minn ħuħ għax-xogħol fuq dan il-bieb, liema stima hija għall-valur ta' €650.

**Eunice Grech Fiorini, Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**[29], ippreżentat sentenza fl-ismijiet "The Police v. Ahmed Rasem A. Franka" mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2017, liema sentenza ġiet esebita bħala Dok. "EG" a fol. 77 sa' 103 tal-proċess.

**Posizzjoni ta' Maria Andrea Gafà fir-rigward ta' l-imputat u prosegwiment tal-proċeduri odjerni:**

Mix-xhieda ta' Maria Andrea Gafà jirriżulta li ma xtaqtix tipproċedi fil-konfront ta' l-imputat u dana anke wara li l-Qorti fehmitha li jekk hija tagħżel li ma tipproċedix fil-konfront tiegħu, l-istess Qorti ma setgħet tagħmel xejn fir-rigward tat-talba tagħha biex l-imputat ma javviċinahiex iżjed. Il-Prosekuzzjoni però ddikjarat li xorta waħda xtaqet tagħmel xi mistoqsijiet lil Maria Andrea Gafà, talba din li ġiet opposta mid-Difiża in bażi għal dak provdut fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

Id-Difiża kjarament ibbażat l-oġġezzjoni tagħha fuq dak provdut fl-Artikoli 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika: Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi*

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020, fol. 68 u 69 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020, fol. 70 u 71 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020, fol. 72 u 73 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020, fol. 76 tal-proċess.

*f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuti involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ferm ċar li għalkemm il-parti leża f'każ ta' allegata vjolenza domestika titlob li l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat ma jitkomplewx, huwa finalment fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax tali talba o meno. Hija proprja din id-diskrezzjoni li l-Qorti għażlet li teżerċita f'dan il-każ u dana billi, kif Minnha ppuntwalizzat fil-kors tas-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020, mill-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputat u anke mill-provi prodotti sa' l-istadju meta Maria Andrea Gafà talbet, anzi ddikjarat, li ma tridx tipproċedi fil-konfront ta' l-impuat, kien qed jidher biċ-ċar li kien hemm terzi persuni - senjatament Gordon Camilleri u Donalie Camilleri, li jirrispjeu f'appartament fil-blokka ta' appartamenti in kwistjoni u b'hekk għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, senjatament l-Artikoli 2(1) u 5(a) ta' l-Att dwar il-Condominia, Kap. 398 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom dritt *pro indiviso* tal-partijiet komuni tal-blokka, inkluż għalhekk il-bieb ta' barra tal-blokka ta' appartamenti, illi addirittura għamlu rapport mal-Pulizija dwar il-każ in eżami - li setgħu jitqiesu bħala vittimi fil-każ in eżami u għalhekk ma kienx ikun ġust fil-konfront tagħhom li għaliex Maria Andrea Gafà da parte tagħha u sa' fejn jirrigwarda lilha għażlet li l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat ma jitkomplewx, il-proċeduri jitwaqqfu mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni anke d-drittijiet ta' tali terzi persuni.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-Att dwar il-Condominia japplika fil-każ in eżami għar-raġuni li mix-xhieda ta' Gordon Camilleri jirriżulta li fil-blokka in kwistjoni fiċ-ċert hemm l-appartament li jirrisjedu fih hu u l-familja tiegħu, l-appartament li fih tirrisjedi Maria Andrea Gafà u l-penthouse li fiha jirrisjedu l-ġenituri ta' Maria Andrea Gafà.

Huwa għalhekk li l-proċeduri odjerni effettivament tkomplew, u waslu sa' l-istadju fejn issa għandhom jiġu determinati, u l-Qorti awtorizzat lill-Prosekuzzjoni tagħmel xi mistoqsijiet lil Maria Andrea Gafà liema mistoqsijiet, b'rispett lejn id-deċiżjoni ta' l-istess Maria Andrea Gafà ma tixhidx fil-konfront ta' l-imputat, ma kellhomx ikunu dwar il-kwistjonijiet li allegatament seta' kien hemm bejnha u l-imputat.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija li f'dawn il-Gżejjer nhar it-3 ta' Awwissu 2020 u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kkaġuna lil Maria Andrea Gafà biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu - a tenur ta' l-Artikoli 251B, 251H(a),(b),(d) u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-reat li bih qed jiġi akkużat l-imputat huwa dak ta' meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jew kif inhu magħruf ir-reat ta' *harassment* bil-vjolenza, bl-aggravji komteplati fl-Artikoli 251H u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-fini li jissussisti tali reat neċessarjament irid jirriżulta *a course of conduct* da parte ta' l-imputat fil-konfront tal-vittma u fin-nuqqas ta' tali *course of conduct* ma jistax jitqies li hemm ir-reat hekk kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ahma Ilewi,** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Marzu 2017, fejn ġie osservat illi: *l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassment" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Parnis (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-harassment taħt dina d-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: .... Illi dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed - ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection From Harassment Act, 1997 ta' l-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that this course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions". L-Artikolu 251B tagħna - u hawn il-Qorti ser tuża it-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet - jipprovdi fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters of any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of these occasions...". Il-kliem "on each of those occasions" huwa indikattiv li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkazzjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-inqas żewġ okkazzjonijiet - proprju kif jingħad fl-matriċi Ingliża "on at least two occasions". Għal xi raġuni - fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika - il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct ... it was recognised, however that circumstance can be conceived where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct". The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..." Din il-Qorti mhux ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrjenti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini ta' l-imsemmi Artikolu 251B(1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma*

*jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża ġenwina ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet ta' l-Artikolu 251B(1). In oltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi".*

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad minnha rikjest li da parte ta' l-imputat kien hemm *a course of conduct* fil-konfront ta' Maria Andrea Gafà li nissel fiha l-biża li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha jew tal-proprjetà tagħha jew ta' xi ħadd jiġi minnha. Dana in-nuqqas ta' provi dwar dan l-aspett u konsegwenti reat partikolari jirriżulta primarjament mid-deċiżjoni ta' l-istess Maria Andrea Gafà li ma tixhidx dwar allegati kwistjonijiet li seta' kien hemm bejnha u l-imputat. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda oħra, dawn jittrattaw prinċipalment dwar l-inċident li seħħ fit-3 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 12:00p.m., liema inċident huwa wieħed iżolat u ben ċirkoskritt, u dwar l-allegat ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest da parte ta' l-imputat u ta' l-allegata reċidività ta' l-istess imputat. Għalhekk il-prova li se mai tirriżulta minn dawn ix-xhieda ma tinċidix fuq dan ir-reat partikolari li bih qed jiġi akkużat l-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fin-nuqqas totali ta' provi kontra l-imputat dwar dan ir-reat partikolari, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement għandha tilliberah mill-istess.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-3 ta' Awwissu 2020, għall-ħabta ta' nofs inhar (12:00p.m.) ġewwa Seashell Crt., Triq l-Ixprunara, Triq Ġdida fi k/m Triq Barthelemy, Marsaxlokk, u/jew fil-viċinanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor a dannu ta' Maria Andrea Gafà u/jew persuni oħra u/jew entitatjiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hi aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) - a tenur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat xehdu Gordon Camilleri u, b'mod partikolari, Donalie Camilleri, illi kif già iktar 'l fuq osservat jirrisjedu fil-blokk ta' appartamenti in kwistjoni u għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi għandhom dritt *pro indiviso* fuq il-partijiet komuni tal-blokk, inkluż il-bieb ta' barra ta' l-istess blokk ta' appartamenti.

Donalie Camilleri fil-fatt hija l-persuna li kienet preżenti fil-post, senjatament kienet fl-appartament tagħha flimkien ma' binha minuri ta' sitt snin, meta seħħet il-kommissjoni ġewwa l-blokk ta' appartamenti Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq Ġdida fi k/m Triq Barthelemy, Marsaxlokk, dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 12:00p.m. Mix-xhieda ta' Donalie Camilleri jirriżulta li dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 12:00p.m., waqt li kienet barra qed taqla' l-ħwejjeġ rat

lill-imputat. Hekk kif ratu hija semgħet ħoss kbir ġej minn barra tant illi il-bieb tal-maisonette ta' taħtha, fi kliemha stess, *beda jdamdam*. Għalkemm ittawlet ma rat xejn imma x'ħin daħlet ġewwa fl-appartament tagħha l-ħoss semgħetu iktar qawwi u ndunat li l-ħoss kien ġej minn ġewwa l-blokka ta' l-appartamenti. Kif semgħet hekk hi beżgħet u sakkret il-bieb tal-flat tagħha u ftit tal-ħin wara reġgħet rat lill-imputat ħiereġ mill-blokka. Kif l-imputat telaq minn fuq il-post hija ttawlet u marret tiċċekja kemm il-bieb ta' barra tal-blokk ta' l- appartamenti kif ukoll il-bieb ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà, b'dan ta' l-aħħar issibu miftuħ.

Mix-xhieda ta' Gordon Camilleri jirriżulta li fil-ħin tal-kommissjoni huwa rċieva telefonata mingħand martu li qaltlu li dak il-ħin kien hemm l-imputat ġewwa l-blokka u kien hemm *balla storbju u qed ikisser u jfarrak*. Mat-telefonata ta' martu huwa telaq minn fuq il-post tax-xogħol u kif wasal Marsaxlokk, senjatament fil-blokka ta' appartamenti in kwistjoni, sab li l-imputat kien già telaq u sab il-bieb ta' barra tal-blokka imkisser u l-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà imkisser ukoll. PC224 Jake Mercieca kkonferma li l-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà kien imkisser u fil-fatt iddikjara *Maria Andrea Gafà, flimkien magħna, jiena u PC829, tlajna fit-tieni sular biex naraw x'kien ġara fir-residenza tagħha. Kif tlajna magħha nnutajna li kien hemm xi tiċpis ta' demm mal-ħajt kif ukoll il-bieb tar-residenza ta' Gafà kien jidher imkisser. Gafà ppruvat tiftaħ il-bieb b'ċavetta iżda l-bieb ma nfetaħx.*

Mix-xhieda ta' Anthony Gafà, illi tqabbad minn Maria Andrea Gafà biex jagħmel xogħlijiet fil-bieb ta' barra tal-blokka ta' l-appartamenti wara dan l-inċident, jirriżulta li dan il-bieb kellu l-ħsara fis-serratura u fil-firrolli tant illi kellu jsir xogħol ta' riparazzjoni verso spiża ta' €118, liema spiża għamlet tajjeb għaliha Maria Andrea Gafà. Mix-xhieda ta' Antoine u Disma aħwa Schiavone, illi tqabbdu minn Maria Andrea Gafà biex jagħmlu xogħol fil-bieb ta' barra ta' l-appartament tagħha wara dan l-inċident, jirriżulta li dan il-bieb kien sgassat min-naħa ta' fuq u minn isfel ma setax jinfetaħ sew, tant illi biex setgħet tiftaħ il-bieb u tidħol fl-appartament kellhom jiftuħ huma stess. Dawn ix-xogħlijiet huma stmati li jiswew €650.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-impuat huma sa' ċertu punt provi indizzjarji peress illi ħadd mix-xhieda prodotti, lanqas Donalie Camilleri in kwantu baqgħet imsakkra fl-appartament tagħha għaliex beżgħet minħabba l-kommissjoni u storbju li kien hemm, ma effettivament ra lill-imputat fl-att li jkisser kemm il-bieb ta' barra tal-blokka ta' appartamenti kif ukoll il-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafa. Madanakollu però una volta jirriżulta li: (i) il-kommossjoni fil-blokka u l-istorbju u damdim beda hekk kif Donalie Camilleri rat lill-imputat ġej fil-blokka u dan l-istorbju u kommossjoni baqgħu għaddejjin sakemm baqa' hemm ġew u waqfu biss kif rat lill-imputat ħiereġ mill-blokka; (ii) meta, wara dan kollu, ħarġet mill-appartament tagħha fil-komun tal-blokka Donalie Camilleri nnutat il-ħsara fil-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà, u li (iii) Gordon Camilleri, illi jirrisjedi fil-blokka in kwistjoni u niżel fuq il-post hekk kif martu avżatu bil-kommossjoni li kienet għaddejja, ra l-ħsara fil-bieb ta' barra ta' l-appartamenti u fil-bieb ta' barra ta' l-appartament ta' Maria Andrea Gafà, neċessarjament isegwi li l-kommissjoni u l-istorbju qajjimhom l-imputat u li l-ħsara fil-bibien in kwistjoni ġiet ikkawżata mill-

istess imputat fil-ħin li huwa kien qiegħed fuq il-post appuntu jaqla' kommissjoni sħiħa u storbju kbir.

Il-fatt li l-provi in kwistjoni huma sa' ċertu punt indizzjarji ma jnaqqas xejn mill-valur probatorju tagħhom fir-rigward tal-ħtija ta' l-imputat għar-reat addebitat lilu stante li *huwa prinċipju ben assodat li l-provi fil-kamp kriminali jistgħu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji iżda dawn ta' l-aħħar iridu jkunu univoċi, iwasslu għal konklużjoni waħda u jridu jkunu suffiċjenti u tali li jnisslu f'moħħ il-Ġudikant konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġonevoli dwar ir-reità tal-persuna imputata. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija fis-17 ta' Settembru 2008 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg" fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk: "prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka u ma tagħti lok għal ebda spjegazzjoni oħra għajr dik tal-ħtija ta' l-akkużat, tista' tkun biżżejjed biex fuqha biss tinstab dik il-ħtija". Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal sentenza oħra mogħtija fis-6 ta' Mejju 1961 fil-każ fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Carmelo Busuttil et" mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti: "Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika"*[30].

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ttenni li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslu għal konklużjoni waħda biss, u cioè r-reità ta' l-imputat għar-reat lilu imputat bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u huma tali li jnisslu fiha konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u bi storbju - a tenur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jerken Decelis** pronunċjata fit-22 ta' Novembru 2013, fejn ingħad: *l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla ir-reat komunement imsejjaħ "breach of the peace". L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Donalie Camilleri jirriżulta b'mod ċar li l-aġir ta' l-imputat dakinhar tal-każ mertu ta' dawn il-proċeduri mhux biss ħoloq tħassib fiha dwar l-inkolumità tagħha u ta' binha minuri, li dakinhar kien fl-appartament magħha, imma addirittura ħoloq biża' fiha li jista' jiġrilhom xi ħaġa

[30] Il-Pulizija v. Joseph Taliana, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Ġunju 2014.

kif ukoll biża notevoli fit-tifel. In effetti fix-xhieda tagħha - matul liema xhieda kien jidher ferm evidenti li hi kienet għadha turbata u taħt xokk għal dak li kien ġara xi jiem qabel - hija ddikjarat *kont qed naqla' l-ħwejjeġ u rajtu u smajt ħoss kbir. Jiġifieri dan minn barra kien li l-bieb tal-maisonette ta' taħti beda jdamdam u ttawwalt u ma rajt xejn. Imbagħad dħalt ġewwa u l-ħoss kien iktar qawwi u għedt dan il-ħoss minn ġol-flat ġej. Sakkart niġri l-bieb għaliex bżajt, kelli tifel ta' sitt snin imwerwer u ċempilt niġri lir-raġel.* Żewġha Gordon Camilleri xehed ukoll illi *jien imbagħad filgħaxija mort għand it-tabib bil-mara u bit-tifel minħabba l-ansejtà li kellhom fuqhom. Lill-mara ordnatilha xi tablets bħala tranquillisers biex tikkalma u forsi terġa' ssib triqitha b'moħħha f'postu ħa ngħid hekk għaliex kellha bħal tip ta' depression għaliex aħna digà laqqatna oħra din is-sena. It-tifel għadu terrorrizzat u minn kamra għal oħra ma jridx imurli jekk ma nkunux miegħu u biex jidħol jagħmel toilet irrid noqgħod nistennieh bil-bieb miftuħ.*

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad minnha rikjest li l-imputat huwa ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk ħati tar-reat, ossia kontravvenzjoni, li volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u bi storbju.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Għall-fini li tissostanzja din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lil Helenio Galea, Records Officers fil-Faċilitaà Korrettiva ta' Kordin, u lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Eunice Grech Fiorini. Ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentat sentenza fl-ismijiet "The Police v. Ahmed Rasem. A Franka" mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 2017[31], f'liema sentenza l-imputat f'dawk il-proċeduri kien ġie ikkundannat għall-perijodu ta' erba' snin priġunerija effettiva. Hekk kif jirriżulta mis-sentenza l-imputat f'dawk il-proċeduri kien Ahmed Rasem A Franka, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 115587(A), li huwa l-istess numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta għalhekk li l-imputat fil-proċeduri deċiżi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datat 26 ta' Ottubru 2017 u l-imputat fil-proċeduri odjerni huwa l-istess persuna. Konferma li l-imputat fl-imsemmija proċeduri deċiżi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 26 ta' Ottubru 2017 huwa l-istess imputat fil-proċeduri odjerni ttiriżulta wkoll mix-xhieda ta' Helenio Galea[32] li għaraf lill-imputat f'dawn il-proċeduri bħala l-istess persuna, ossia Ahmed Rasem A Franka, li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Ottubru 2017 kien ġie kkundannat erba' snin priġunerija effettiva.

Min dan jirriżulta għalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat huwa reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu wara li ġie kkundannat bl-imsemmija sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, huwa effettivament wettaq reat ieħor.

---

[31] Dok. "EG" a fol. 77 sa' 103 tal-proċess.
[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2019, fol. 66 u 67 tal-proċess.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 14 ta' Mejju 2018 mill-Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet. Id-Digriet li qed tagħmel referenza għalih il-Prosekuzzjoni ġie esebit (vera kopja ta' l-istess) a fol. 18 tal-proċess u mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Keith Arnaud[33] jirriżulta li dan id-Digriet u l-ħelsien mill-arrest relattiv kien ingħata fil-kuntest tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ahmed Rasem A. Franka u Mohamed Drebeka" pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja presjeduta mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace. Fir-rigward l-imsemmi Spettur Arnaud iddikjara li *lill-imputat Franka qed naghrfu preżenti hawnhekk fl-awla. L-imputat Franka kien ingħata l-bail fl-14 ta' Mejju 2018 u qed nikkonferma li huma dawn immarkati a fol. 18 u li mbagħad kienu ġew modifikati fis-7 ta' Jannar 2019 mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera li qed nagħraf u nikkonferma wkoll id-digriet a fol. 19, 20, 21 u 22. Nikkonferma li l-imsemmi Ahmed Rasem A. Franka f'dawn iż-żewġ dokumenti, jiġifieri minn fol. 18 sa' fol. 22, huwa l-imputat f'dawn il-proċeduri, nikkonferma illi l-bail conditions għadhom in vigore hekk kif huma imsemmija f'dawn iż-żewġ dokumenti li semmejt u għadhom hekk sa' llum.*

Fost il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat bid-Digriet ta' l-14 ta' Mejju 2018, liema kondizzjonijiet ma ġewx varjati bid-Digriet sussegwenti tas-7 ta' Jannar 2019 in kwantu dan kien jittratta u b'hekk varja biss l-ammont ta' depożitu li kellu jitħallas mill-imputat kif ukoll il-garanzija personali imposta fuqu, hemm il-kondizzjoni li huwa ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u l-kondizzjoni li jirrapporta l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun (jidher li maż-żmien huwa ġie awtorizzat jiffirma fl-Għassa ta' Tas-Sliema), kuljum bejn it-8:00a.m. u 8:00p.m., b'dana li jekk ma jkunx jista' jirrapporta l-Għassa huwa kellu jibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat mill-ħin li fih ġie obbligat jiffirma.

Ladarba l-imputat qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, li tittratta dwar ir-reat, non che delitt, ta' ħsara volontarja a tenur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, neċessarjament isegwi li huwa kiser il-kondizzjoni li tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest ma jwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja. B'hekk hawn già jirriżulta li l-imputat effettivament kiser il-kondizzjonijiet, jew aħjar waħda mill-kondizzjonijiet, għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-Digriet datat 14 ta' Mejju 2018.

Il-Prosekuzzjoni però ma tieqafx hawn u tikkontendi li tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest l-imputat naqas diversi drabi milli jiffirma u dana bla raġuni jew ġustifikazzjoni valida. Apparte x-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud, il-Prosekuzzjoni ippreżentat ukoll il-Bail Book ta' l-imputat minn liema jirriżulta li kien hemm diversi drabi meta huwa naqas milli jirrapporta l-Għassa biex jiffirma, minkejja li għandu l-obbligu li jirrapporta kuljum u b'hekk jiffirma l-Bail Book relattiv.

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2019, fol. 53 u 54 tal-proċess.

In effetti mill-imsemmi Bail Book esebit bħala Dok. "TM" a fol. 51 tal-proċess jirriżulta li tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest l-imputat naqas milli jiffirma fil-31 ta' Lulju 2020, fis-26 ta' Lulju 2020, fid-19 ta' Lulju 2020, fis-16 ta' Lulju 2020, fit-13 ta' Lulju 2020, fl-10 ta' Lulju 2020, fit-8 ta' Lulju 2020, fis-7 ta' Lulju 2020, fis-6 ta' Lulju 2020, fl-4 ta' Lulju 2020, fit-2 ta' Lulju 2020, fit-30 ta' Ġunju 2020, fis-26 ta' Ġunju 2020, fit-22 ta' Ġunju 2020, fid-19 ta' Ġunju 2020, fil-15 ta' Ġunju 2020, fl-10 ta' Ġunju 2020, fl-4 ta' Ġunju 2020, fil-21 ta' Mejju 2020, fil-15 ta' Mejju 2020, fit-13 ta' Mejju 2020, fil-11 ta' Mejju 2020, fis-7 ta' Mejju 2020, fit-3 ta' Mejju 2020, fit-23 ta' April 2020, fid-19 ta' April 2020, fit-12 ta' April 2020, fid-9 ta' April 2020, fit-3 ta' April 2020, fil-25 ta' Marzu 2020, fit-22 ta' Marzu 2020, fis-17 ta' Marzu 2020, fl-14 ta' Marzu 2020, fil-11 ta' Marzu 2020, fil-5 ta' Marzu 2020, fl-1 ta' Marzu 2020, fit-22 ta' Frar 2020, fid-19 ta' Frar 2020, fl-10 ta' Frar 2020, fit-2 ta' Frar 2020, fis-27 ta' Jannar 2020, fis-6 ta' Jannar 2020, fil-5 ta' Jannar 2020, fl-1 ta' Jannar 2020, fit-8 ta' Diċembru 2019, fl-4 ta' Diċembru 2019, fit-12 ta' Novembru 2019, fl-10 ta' Novembru 2019, fit-13 ta' Ottubtu 2019, fis-17 ta' Settembru 2019, fit-12 ta' Settembru 2019, fl-20 ta' Awwissu 2019, fis-7 ta' Lulju 2019, fit-23 ta' Ġunju 2019, fit-12 ta' Ġunju 2019, fit-8 ta' Ġunju 2019, fil-15 ta' Mejju 2019, fil-11 ta' Mejju 2019 u fit-13 ta' April 2019.

Huwa evidenti li hawn mhux qed nitkellmu fuq ġurnata jew tnejn imma fuq diversi ġranet, li lejn l-aħħar bdew ikunu ferm frekwenti, fejn l-imputat li, jiġi ribadit għandu l-obbligu li jirapporta l-Għassa kuljum, naqas milli jirrapporta l-Għassa ta' Tas-Sliema biex jiffirma l-Bail Book u ta' dan in-nuqqas ma ta l-ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni valida fil-Liġi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-imputat bħala fatt kiser din il-kondizzjoni wkoll, bil-konsegwenza li, anke fid-dawl ta' dawk appena osservat dwar il-kondizzjoni li ma jitwettaqx delitt ieħor ta' natura volontarja waqt il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest, huwa għandu jinstab ħati tal-ħames akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. (3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Puizija tkun tista' fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arreat u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għakl reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

Mill-atti processwali jirriżulta li d-depożitu u garanzija oriġinali imposti fuq l-imputat bid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 14 ta' Mejju 2018, ġew varjati - b'dana li ġew imnaqqsa - għal €5,800 għal dak li jirrigwarda d-depożitu u għal €25,000 għal dak li jirrigwarda l-garanzija personali, in forza tad-Digriet datat 7 ta' Jannar 2019, li vera kopja tiegħu tinsab esebita a fol. 19 sa' 22 tal-proċess. Fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-dawl tal-fatt li

l-imputat qed jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti tordna li l-ammont globali ta' €30,800 jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**Talbiet tal-Prosekuzzjoni:**

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti a favur l-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi u fid-dawl ta' dak kollu hawn fuq osservat, tali talba hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għall-garanzija ta' Maria Andrea Gafà ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti bħala fatt tqis li tali talba hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa iżda mhux fir-rigward u għas-salvagwardja ta' Maria Andrea Gafà biss imma anke fir-rigward u għas-salvagwardja ta' Gordon Camilleri u Donalie Camilleri. Fid-dawl ta' dan appena osservat u fid-dawl ta' dak li rriżulta fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, partikolarment il-fatt li Maria Andrea Gafà ma reditx tixhed fil-konfront ta' l-imputat u li kien għaliha dawn il-proċeduri lanqas kienu jitkomplew fil-konfront tiegħu, il-Qorti tqis li t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni b'mod partikolari n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li tagħhom irriżulta li huwa ħati, partikolarment il-fatt li rriżulta ħati li wettaq delitt ta' natura volontarja waqt il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest.

Għaldaqstant għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 325(1)(b), 338(dd) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-ammont komplessiv ta' tletin elf u tmien mitt Euro (€30,800) stabbilit għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat konċess bid-Digriet datat 14 ta' Mejju 2018, kif in segwitu varjat b'Digriet datat 7 ta' Jannar 2019, jiġi konfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Imħallef Edwina Grima LL.D. datat 14 ta' Mejju 2018, kif in segwitu varjat mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. b'Digriet datat 7 ta' Jannar 2019, tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Maria Andrea Gafà, Gordon Camilleri u Donalie Camilleri, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100)

għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data meta l-imputat jiskonta l-piena ta' erbatax-il (14) xahar priġunerija imposta b'din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kisr il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti però tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Maria Andrea Gafà.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**